

Brussell, 18 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

11066/24

SOC 443
EMPL 258
ECOFIN 676

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-politiki tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u dawk soċjali għal ekonomiji reżiljenti - <i>Approvazzjoni</i>

1. Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "ir-rwol tal-politiki tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u dawk soċjali għal ekonomiji reżiljenti".
2. L-abbozz ta' Konklużjonijiet tħejja mill-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u ġie eżaminat mill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fl-10 ta' Ġunju 2024 (dokument 10644/24).
3. Wara d-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali, fl-14 ta' Ġunju 2024 il-Presidenza ppreżentat lill-Coreper verżjoni aġġornata tal-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill (dokument 10778/24), li madankollu ma rnexxilux isib il-kunsens meħtieġ.

4. Abbażi tal-pożizzjonijiet espressi mid-delegazzjonijiet fil-Coreper, fl-Anness ta' din in-nota l-Presidenza tippreżenta verżjoni aġġornata tat-test, bil-modifiki li saru fil-paragrafi 2 u 6.
 5. Il-Kunsill (EPSCO) mistieden japprova l-abbozz ta' Konklużjonijiet fl-Anness ta' din in-nota fis-sessjoni tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2024.
-

Ir-rwol tal-politiki tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u dawk soċjali għal ekonomiji reżiljenti**Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill**

1. FILWAQT LI JENFASIZZA l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' April 2024, li fakkru fil-ħtieġa li jiġi żgurat approċċ integrat fl-oqsma kollha ta' politika biex jiżdiedu kemm il-produttività kif ukoll it-tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Unjoni. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li, fl-appell tiegħu għal patt ġdid dwar il-kompetittività Ewropea, il-Kunsill Ewropew identifika t-trawwim ta' impjiegi ta' kwalità għolja fost il-muturi prinċipali biex tittejjeb il-kompetittività tal-Ewropa, b'mod partikolari billi tiżdied il-ħidma biex jinkisbu l-miri ewlenin għall-2030, permezz ta' djalogu soċjali msaħħaħ, dwar parteċipazzjoni akbar fis-suq tax-xogħol, it-tiġdid/it-titjib tal-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja, billi jiġu indirizzati d-diskrepanza fil-ħiliet u n-nuqqas ta' ħaddiema fil-kuntest ta' xejriet demografiċi usa', inkluż il-mobbiltà tat-talenti lejn l-Unjoni Ewropea u fiha, u l-iżgurar ta' opportunitajiet indaqs. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tar-Rapport ta' Livell Għoli "Much More Than a Market", li jenfasizza li żvilupp ulterjuri tas-Suq Uniku jista' jirnexxi biss jekk jinkludi dimensjoni soċjali ġenwina, f'konformità mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tas-sejbiet tad-disa' Rapport ta' Koeżjoni li jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li r-reġjuni jiġu mġammra bil-kapital uman it-tajjeb sabiex ikunu jistgħu jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tagħhom u b'hekk jikkontribwixxu għat-tisħiħ ulterjuri tas-Suq Uniku.

2. FILWAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID li l-progress fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali – b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi rispettivi u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità – jista' jikkontribwixxi – fid-dawl tal-isfidi attwali u dawk li ġejjin – għal funzjonament aħjar tas-Suq Uniku, filwaqt li jippromwovi konverġenza soċjali 'l fuq fl-Unjoni. FILWAQT LI JFAKKAR, f'dan ir-rigward, fl-Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, approvati mill-Kunsill f'Marzu 2024, dwar il-prijoritajiet futuri tal-politika tal-Unjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali¹.
3. FILWAQT LI JENFASIZZA n-natura ta' rinfurzar reċiproku tal-benesseri tan-nies u t-tkabbir ekonomiku. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-importanza tar-riformi u l-investimenti fil-qasam tal-politiki tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u dawk soċjali biex jitrawwem it-tkabbir ekonomiku minbarra li jiġu segwiti objettivi soċjali, b'mod partikolari permezz tal-impatt tagħhom fuq il-kapital uman u l-produttività, inkluż permezz ta' kapaċità innovattiva aktar b'saħħitha u assorbiment aktar mgħaġġel ta' teknoloġiji ġodda u/jew provvista ta' ħaddiema.
4. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA, f'dan ir-rigward, li d-diskussjonijiet fil-Kumitat tal-Impjiegi u fil-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali² jindikaw li huma b'mod partikolari politiki li jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet u l-ispariġġ fil-ħiliet (permezz ta' titjib tal-ħiliet, taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet u tagħlim tul il-ħajja) u li jżidu l-partekċipazzjoni fis-suq tax-xogħol (permezz ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol, sistemi strutturati tajjeb tat-taxxa u tal-benefiċċji, il-forniment ta' edukazzjoni bikrija tat-tfal u servizzi ta' kura fit-tul, u politiki ta' inklużjoni attiva u ta' ugwaljanza) li potenzjalment jipproduċu effetti ekonomiċi aktar b'saħħithom fuq perjodu twil. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li l-politiki li jipprevjenu l-mard relatat max-xogħol u li jintegraw mill-ġdid lill-ħaddiema fis-suq tax-xogħol wara episodju ta' mard (permezz ta' politiki tal-kura tas-saħħa, inkluż is-saħħa mentali) jistgħu jnaqqsu l-kostijiet ta' nuqqas ta' impjieg u mard u jżidu l-produttività tal-forza tax-xogħol. FILWAQT LI JFAKKAR li, barra minn hekk, ċerti politiki soċjali jistgħu jappoġġaw l-istabbilizzazzjoni makroekonomika billi jimmitigaw b'mod sostanzjali r-riskji soċjali u n-nefċiet soċjali futuri relatati mal-kostijiet ta' nuqqas ta' azzjoni (permezz ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, xbieki ta' sikurezza soċjali u sistemi ta' protezzjoni soċjali li jiffunzjonaw tajjeb, u skemi ta' introjtu minimu adegwati).

¹ Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-"Prijoritajiet futuri tal-politika tal-Unjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali", approvata mill-Kunsill fil-11 ta' Marzu 2024 (dokument 7635/24).

² Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-valur miżjud tal-investiment soċjali u r-rwol tal-filière tal-Kunsill EPSCO fil-governanza tas-Semestru Ewropew, Novembru 2023 (dokument 15418/2/23 REV 2).

5. FILWAQT LI JENFASIZZA li politiki tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u dawk soċjali mfassla sew li jimplimentaw il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jistgħu jappoġġaw kemm l-oġettivi ekonomiċi kif ukoll dawk soċjali. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li ċerti sfidi relatati mal-impjieg u mal-ħiliet u sfidi soċjali jistgħu jikkostitwixxu ostakli għall-potenzjal tat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività, minbarra l-konverġenza soċjali 'l fuq. FILWAQT LI JENFASIZZA, b'rispett sħiħ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u d-diviżjoni tal-kompetenzi, il-ħtieġa għal miżuri li jindirizzaw il-livelli għoljin persistenti ta' nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet, l-ostakli strutturali għall-integrazzjoni sħiħa ta' gruppi sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol u tal-persuni l-aktar imbiegħda minnu, ir-riskji tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, u l-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali, inkluż fl-isfond tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u tat-tixjiħ tal-popolazzjoni. FILWAQT LI JFAKKAR, fl-istess ħin, fil-ħtieġa li jiġu kkunsidrati l-kuntesti nazzjonali differenti, ir-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali, u l-importanza li jittejbu l-effiċjenza u l-kwalità tal-infiq pubbliku.
6. FILWAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID, f'dan il-kuntest, li approċċ integrat fl-oqsma ta' politika kollha jista' jikkontribwixxi għall-koerenza tal-politika, inkluż fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. FILWAQT LI JILQA' d-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2024 dwar "Investimenti u riformi soċjali għal ekonomiji reżiljenti", li ppermetta lill-Ministri għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji u lill-Ministri għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jirriflettu dwar l-interazzjoni bejn il-politiki tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u dawk soċjali, it-tkabbir ekonomiku, u s-sostenibbiltà fiskali, mingħajr preġudizzju għall-implimentazzjoni tal-qafas tal-governanza ekonomika.

7. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal tfassil ta' politika msaħħaħ ibbażat fuq l-evidenza biex jiġi identifikat kompletament l-impatt tal-impjiegi, il-ħiliet u l-politiki soċjali fuq it-tkabbir ekonomiku, kif ukoll l-effetti possibbli tal-politiki ekonomiċi fuq il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, u l-inugwaljanzi. FILWAQT LI JFAKKAR li, minkejja l-avvanzi fil-metodoloġiji u d-disponibbiltà tad-data, l-evalwazzjoni tal-effetti ekonomiċi tal-politiki tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u dawk soċjali tkompli tippreżenta sfidi, pereżempju fl-Istati Membri b'perċentwal għoli ta' ħaddiema transfruntieri. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA, b'mod partikolari, li l-effetti ekonomiċi jiddependu mit-tfassil ta' miżuri ta' politika (bħad-durata), karatteristiċi kuntestwali (bħal f'termini ta' żmien u ta' kuntest territorjali speċifiku), kif ukoll fuq miżuri ta' politika simultanji oħra li għandhom jitqiesu. FILWAQT LI JAGĦRAF li l-Istati Membri għandhom kuntesti, oqfsa legali u kapaċitajiet amministrattivi speċifiċi għall-pajjiż differenti, b'mod partikolari riżorsi umani speċjalizzati, biex iwettqu b'mod sistematiku evalwazzjonijiet *ex ante*, *ex post* u kontinwi, inkluż f'termini tal-użu ta' metodoloġiji avvanzati u l-għbir u l-użu ta' data amministrattiva suffiċjenti u affidabbli biex isiru dawn l-evalwazzjonijiet. FILWAQT LI JFAKKAR, f'dan ir-rigward, fl-importanza li tintuża data amministrattiva u tat-tempestività u l-granularità tal-istatistika tal-UE u dik nazzjonali, inkluż billi tiġi żgurata d-diżagggregazzjoni skont is-sess.
8. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-Prinċipji gwida volontarji għall-Istati Membri tal-UE biex jevalwaw l-effetti ekonomiċi ta' riformi u investimenti fl-oqfsa tal-politiki tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u dawk soċjali żviluppati mill-Kumitat tal-Impjiegi u mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, li għandhom l-għan li jidentifikaw il-karatteristiċi ewlenin u jappoġġaw fehim reċiproku tal-approċċi metodoloġiċi u t-tekniki tal-immudellar, il-perjodu ta' żmien tal-evalwazzjonijiet, il-komplementarjetajiet tal-politika fl-approċċ metodoloġiku, id-disponibbiltà tal-indikaturi eżistenti, l-arranġamenti statistiċi u l-aċċess għad-data bil-ħsieb ta' żviluppi ulterjuri potenzjali tagħhom, u l-istrateġiji ta' trasparenza/disseminazzjoni.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA jistieden lill-Istati Membri:

9. Iqisu l-ħtieġa li jsaħħu l-kapaċità tagħhom li jwettqu valutazzjonijiet tal-impatt regolari, evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u ex post tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet, u tal-politiki soċjali fejn xieraq, jiġifieri billi jivvalutaw l-impatt tagħhom fuq l-impjiegi, il-ħiliet u l-eżiti soċjali, kif ukoll fuq it-tkabbir ekonomiku, il-kompetittività u l-produttività. Jużaw il-finanzjament eżistenti u l-appoġġ tekniku disponibbli fil-livell tal-Unjoni biex itejbu l-kapaċità amministrattiva tagħhom biex iwettqu evalwazzjonijiet tal-politika.
10. Iqisu l-użu, meta jkun rilevanti, tal-Prinċipji gwida volontarji msemmija hawn fuq meta jfasslu politiki nazzjonali mwettqa għall-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA jistieden lill-Kummissjoni Ewropea:

11. Tkompli taħdem aktar f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-metodi u t-tekniki biex jitkejlu l-effetti ekonomiċi tal-politiki tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u dawk soċjali, fejn xieraq f'kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż billi tippromwovi t-tagħlim reċiproku bejn l-Istati Membri, u tikkunsidra l-istabbiliment ta' ċentru tal-għarfien biex titkompla l-ħidma li tnediet taħt il-Presidenza Spanjola u dik Belġjana tal-Kunsill tal-UE. Tali ċentru tal-għarfien ikun imfassal biex jimminimizza l-piż amministrattiv possibbli fuq l-Istati Membri billi juża sorsi eżistenti ta' għarfien. Tikkonsulta lill-Kumitat tal-Impjiegi u lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar it-tfassil u l-mandat taċ-ċentru tal-għarfien.
12. Tirrifletti dwar kif l-Istati Membri jistgħu jiġu appoġġati jtejbu ulterjorment il-produzzjoni u l-użu ta' data soċjoekonomika ta' kwalità mill-amministrazzjonijiet pubbliċi.
13. F'kooperazzjoni mal-Istati Membri, ittejjeb aktar it-tempestività u d-disponibbiltà tal-indikaturi soċjali fil-livell tal-Unjoni (anke fil-kuntest tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika) inkluż billi tkompli l-ħidma fuq stimi rapidi biex jitnaqqas l-intervall latenti fil-valutazzjoni tax-xejriet tal-faqar u tal-inugwaljanza, u tirrifletti dwar kif l-Istati Membri jistgħu jiġu appoġġati biex itejbu l-aċċess għad-data amministrattiva għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-politika u tal-valutazzjoni tal-impatt filwaqt li tkun żgurata l-protezzjoni tad-data personali.

14. Tirrifletti dwar kif jista' jittejjeb l-appoġġ tekniku disponibbli għall-Istati Membri fil-livell tal-Unjoni fuq talba - b'mod partikolari permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI) - biex jiġu ffaċilitati l-produzzjoni u l-użu sistematiċi tal-evalwazzjonijiet tal-effetti ekonomiċi tas-suq tax-xogħol, il-ħiliet u l-politiki soċjali u l-valutazzjonijiet tal-impatt, inkluż il-valutazzjonijiet tal-impatt distributtivi.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA jistieden lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Komitat tal-Impjiegi u lill-Komitat tal-Protezzjoni Soċjali:

15. Ikomplu l-ħidma fuq l-evalwazzjoni tal-effetti ekonomiċi tal-politiki tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u dawk soċjali, biex jiġu ffaċilitati l-evalwazzjonijiet tal-politika u l-valutazzjonijiet tal-impatt imwettqa mill-Istati Membri, filwaqt li jibnu fuq il-Prinċipji gwida volontarji msemmija hawn fuq u filwaqt li jitqiesu l-avvanzi metodoloġiċi futuri u l-progress fir-rigward tad-disponibbiltà tad-data.
16. Itejbu l-opportunitajiet ta' taġlim reċiproku, inkluż billi jistiednu esperti rilevanti, biex ikomplu jtejbu l-fehim komuni ta' kif jiġu stmati aħjar l-effetti ekonomiċi tal-politiki tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u dawk soċjali, u biex isir skambju dwar eżempji nazzjonali relatati.
17. F'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom fis-Semestru Ewropew, ikomplu jimmonitorjaw l-effetti tal-politiki tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u dawk soċjali implimentati mill-Istati Membri, filwaqt li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u l-konverġenza soċjali 'l fuq.

Referenzi

Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 u t-18 ta' April 2024;

High-Level Report "Much More Than a Market" ta' Enrico Letta, April 2024;

Ninth Report on Economic, Social and Territorial Cohesion, Kummissjoni Ewropea, Marzu 2024;

Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-"Prioritajiet futuri tal-politika tal-Unjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali", Marzu 2024 (dokument 7635/24);

Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-valur miżjud tal-investiment soċjali u r-rwol tal-*filière* tal-Kunsill EPSCO fil-governanza tas-Semestru Ewropew, Novembru 2023 (dokument 15418/2/23 REV 2);

Prinċipji gwida volontarji għall-Istati Membri tal-UE għall-evalwazzjoni tal-effetti ekonomiċi tar-riformi u l-investimenti fl-oqsma tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-politika soċjali (dokument 10779/24).
